Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,217, 21 ta' Ġunju, 2019
Taqsima B

A.L. 126 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Inġinerija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor of Engineering (Honours) – B.Eng. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Inġinerija, ippubblikati bħala Avviż Legali 136 tal-2011, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2019 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul**

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul u jkunu għaddew ukoll fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u fil-Fiżika;

jew (b) minn Ottubru 2020 'il quddiem, ikollhom is-Certificate in Engineering Sciences mll-Università.

(2) Il-Bord jista' jikkunsidra wkoll biex jidħlu fil-Kors, applikanti li għandhom kwalifika fl-Livell 5 tal-QMK f'qasam tal-inġinerija flimkien ma' Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5 jew aħjar fil-Lingwa Ingliża, fil-Malti, fil-Matematika u fil-Fiżika. Dawn l-applikanti ikunu meħtieġa jippreżentaw mal-kwalifika fl-Livell 5 tal-QMK, *transcript* dettaljat li juri l-livell milħuq minnhom matul l-istudji tagħhom. L-applikanti jkunu meħtieġa wkoll jattendu għal intervista biex jiġi evalwat jekk għandhomx il-kapaċità meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) Il-bord tal-intervisti, li għandu jkun maħtur mill-Bord għal dan il-għan, għandu jkun magħmul għall-anqas minn tliet membri.

(4) Jekk l-applikanti huma gradwati ta' xi università jew għandhom kwalifiki oħra meqjusa suffiċjenti, huma jistgħu jkunu eżentati mill-Bord tad-Dħul tal-Università, fuq il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakultà, minn dawn ir-rekwiżiti speċjali tal-kors jew minn parti minnhom."